

It-Tlieta 12 ta' April 2016

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2016)0100

Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar: l-aspetti relatati mas-sajd

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' April 2016 dwar l-aspetti relatati mas-sajd fl-ambitu tal-ftehim internazzjonali dwar il-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (2015/2109(INI))

(2018/C 058/01)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) u ż-żewġ ftehimiet ta' implimentazzjoni tagħha: it-Taqsima XI Ftehim ta' Implimentazzjoni u l-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istokkijiet tal-Ħut (UNFSA),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar l-iżvilupp ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (ABNJ),
- wara li kkunsidra d-dokument finali tal-Konferenza tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, li saret f'Rio de Janeiro fl-2012, intitolata "Il-Futur li Rridu",
- wara li kkunsidra r-rapporti tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc Informali u Miftuħ,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) u l-Miri tal-Bijodiversità Aichi adottati mill-partijiet fil-KDB, u b'mod partikolari l-Miri 6, 10 u 11,
- wara li kkunsidra l-Kriterji u l-Gwida Xjentifika tal-Azores tal-2009 għall-identifikazzjoni ta' żoni tal-baħar ekoloġikament jew bijoloġikament sinifikanti (EBSA) u t-tfassil ta' netwerks rappreżentattivi ta' żoni protetti tal-baħar fl-ibħra miftuħa tal-oċeani u ħabitats tal-baħar fond tal-KDB,
- wara li kkunsidra l-proċess tal-KDB għad-deskrizzjoni tal-EBSAs, li diġà wassal għad-deskrizzjoni ta' 204 żoni li jissodisfaw il-kriterji, li ħafna minnhom jinsabu f'ABNJ,
- wara li kkunsidra li filwaqt li EBSAs ġew deskritti fin-Nofsinar tal-Oċean Indjan, fil-Paċifiku tal-Lvant Tropikali u Moderat, fit-Tramuntana tal-Paċifiku, fix-Xlokk tal-Atlantiku, fl-Artiku, fil-Majjistral tal-Atlantiku, fil-Mediterran, fil-Punent tan-Nofsinar tal-Paċifiku, fiż-żona estiża tal-Karibew u fil-Punent tal-Atlantiku Ċentrali, reġjuni oħra għadhom mhumiex koperti,

It-Tlieta 12 ta' April 2016

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, l-Aġenda 21, il-Programm għal Aktar Implimentazzjoni tal-Aġenda 21, il-Pjan ta' Implimentazzjoni tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (id-Dikjarazzjoni ta' Johannesburg dwar Żvilupp Sostenibbli u l-Pjan ta' Implimentazzjoni),
 - wara li kkunsidra il-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) adottat f'Ottubru 1995 mill-Konferenza tal-FAO u l-istrumenti assoċjati tiegħu, b'mod partikolari l-Ftehim tal-1995 li jippromwovi l-Konformità mal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni mill-Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa,
 - wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli (UNGA A/RES/70/1 adottata fl-2015), u l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għal żvilupp sostenibbli,
 - wara li kkunsidra l-Għan 14 tal-programm ta' żvilupp sostenibbli tan-NU,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0042/2016),
- A. billi l-baħar ikopri 71 % ta' wiċċ id-Dinja u fih 97 % tal-ilma tal-pjaneta; billi l-baħar jospita parti sinifikanti tal-bijodiversità tad-dinja li parti kbira minnha għadha mhijiex esplorata;
- B. billi huwa stmat li 64 % tal-baħar, b'mod partikolari l-ibħra miftuħa u qiegħ il-baħar fond, huma żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali tal-istati u huma regolati mid-dritt internazzjonali;
- C. billi l-oċean għandu rwol integrali f'ħafna mis-sistemi tad-Dinja inklużi l-klima u t-temp u billi huwa l-post fejn isiru firxa wiesgħa ta' attivitajiet tal-bniedem bħas-sajd, l-enerġija, it-trasport u l-kummerċ;
- D. billi inqas minn 1 % taż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali huma protetti b'ħala riżultat tat-twaqqif ta' żoni protetti tal-baħar, u billi fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni tal-oċeani m'hemm stabbilit l-ebda qafas ta' ġestjoni b'mandat legali biex jiġu stabbiliti żoni protetti tal-baħar;
- E. billi l-preservazzjoni u l-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika tal-baħar huma preokkupazzjoni komuni għall-umanità kollha u għandhom jiġu trattati b'ħala tali;
- F. billi ż-żamma ta' habitats tal-baħar b'saħħithom u ta' stokkijiet tal-ħut sostenibbli hija essenzjali għas-sostenibilità fit-tul tas-sajd;
- G. billi fl-2014 l-ekosistemi protetti koprew 15,2 % tal-art u 8,4 % biss taż-żoni tal-baħar madwar id-dinja;
- H. billi t-tibdil fil-klima u l-aċidifikazzjoni qed jaggravaw l-impatt negattiv tal-isfruttament eċċessiv, it-tniġġis, l-iskart tal-baħar u l-querda tal-habitats u l-ekosistemi tal-baħar;
- I. billi d-dokument finali tal-Konferenza tan-NU dwar Żvilupp Sostenibbli (Rio de Janeiro, 2012) bit-titolu "Il-Futur li Rridu" ssottolinja li l-protezzjoni u l-ġestjoni tal-baży ta' riżorsi naturali tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali huma l-oġettivi sovrastanti tal-iżvilupp sostenibbli u huma r-rekwiżiti essenzjali għal tali żvilupp;
- J. billi l-ibħra u l-oċeani għandhom potenzjal għal tkabbir blu li għadu fil-biċċa l-kbira mhux sfruttat, pereżempju fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli u ta' prodotti farmaċewtiċi, li jista' wkoll jitqies b'ħala alternattiva valida għall-iżvilupp għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw illum il-ġurnata; billi prerekwiżit għall-iżvilupp marittimu u l-potenzjal tiegħu għal tkabbir blu huwa l-iżvilupp tal-ġħarfien tal-ispeċijiet tal-baħar u l-ambjent tal-baħar, il-batimetrija u l-immappjar tal-ekosistemi vulnerabbli tal-baħar;

It-Tlieta 12 ta' April 2016

- K. billi l-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar u l-użu sostenibbli tagħha huma direttament konnessi ma' żvilupp sostenibbli fit-tul u għalhekk għandhom rilevanza soċjali, ekonomika u ambjentali għall-pajjiżi u t-territorji kollha;
- L. billi l-qafas legali rilevanti eżistenti għal żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, żviluppat iktar minn 30 sena ilu, ibbażat fuq il-prinċipju tal-libertà tal-ibħra miftuħa, jeħtieġ aktar elaborazzjoni sabiex ikun possibbli li jippromwovi b'suċċess il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar f'żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni;
- M. billi l-għadd ta' attivitajiet żviluppanti fl-ambjent tal-baħar żdied f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin; billi aħna nagħrfu d-dinamika bejn id-diversi attivitajiet li jseħħu fl-ibħra miftuħa u kif dawn jaffettwaw il-bijodiversità tal-baħar;
- N. billi nagħrfu l-interazzjonijiet u l-effetti kumulattivi ta' attivitajiet differenti li jseħħu fl-ibħra miftuħa, u billi dawn għandhom impatt fuq il-bijodiversità tal-baħar;
- O. billi fl-2004 l-Assemblea Ġenerali tan-NU stabbiliet Grupp ta' Ħidma Ad Hoc Informali u Miftuħ bl-iskop li jistudja u janalizza l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar lil hinn minn żoni ta' ġurisdizzjoni nazzjonali;
- P. billi fl-2011 il-Grupp ta' Ħidma rrakkomanda li jinbda proċess li jidentifika nuqqasijiet u l-mezzi ta' progress, inkluż l-iżvilupp possibbli ta' ftehim multilaterali fil-qafas tal-UNCLOS, u li l-proċess għandu jindirizza, meħuda flimkien, ir-riżorsi ġenetiċi tal-baħar (li jinkludu kwistjonijiet dwar il-kondiviżjoni ta' benefiċċji), miżuri bħal għodod ta' ġestjoni bbażati fuq iż-żona (inklużi żoni tal-baħar protetti), proċessi ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali, il-bini ta' kapaciċitajiet u t-trasferiment tat-teknoloġija tal-baħar;
- Q. billi s-sommarju mill-Kopresidenti tal-Grupp ta' Ħidma tal-2011 għaraf id-differenza bejn il-proċess xjentifiku għad-deskrizzjoni ta' żoni ekoloġikament u bijoloġikament sinifikanti u l-identifikazzjoni/id-deżinjazzjoni effettiva ta' żoni bħal dawn peress li l-ebda forum globali ma kellu mandat formali f'dak iż-żmien, u l-fora reġjonali u settorjali eżistenti kienu qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' kwistjonijiet ta' leġittimità biex jagħmlu dan;
- R. billi s-sommarju mill-Kopresidenti tal-Grupp ta' Ħidma tal-2011 innota li kien hemm rikonoxximent ġenerali tal-limitazzjonijiet u n-nuqqasijiet tal-istatus quo;
- S. billi, fid-dokument finali ta' Rio+20, f'Ġunju 2012, il-kaprijiet ta' stat u ta' gvern impenjaw ruħhom li jindirizzaw, b'mod urġenti, is-segwitu għax-xogħol li wettaq il-Grupp ta' Ħidma, u qabel tmiem id-69 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, il-kwistjoni tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar lil hinn minn żoni ta' ġurisdizzjoni nazzjonali, inkluż permezz tat-tehdid ta' deċiżjoni dwar l-iżvilupp ta' strument internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar;
- T. billi s-sajd kemm bħala attività indipendenti u kemm b'raba mat-tibdil fil-klima, it-tniġġis tal-baħar jew attivitajiet umani oħra tal-baħar, għandu impatt sinifikanti fuq il-bijomassa u l-bijodiversità tal-baħar, u b'hekk l-impatt tas-sajd fuq il-bijodiversità tal-baħar f'ABNJ għandu jiġi indirizzat b'mod komprensiv permezz tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni marittimi kollha, sabiex jiġu evitati jew minimizzati dawn l-effetti; billi, barra minn hekk, is-sajd mhuwiex l-uniku fattur tal-mortalità kkawżata mill-bniedem fuq ir-riżorsi tal-oċeani u m'għandux ikun l-unika imposta ta' azzjoni internazzjonali;
- U. billi, fost affarijiet oħra, l-estrazzjoni tal-minerali, it-tħaffir għall-enerġija u l-użu tal-ispazju tal-art minn pjattaformi urbani huma fatturi ta' mortalità oħra għar-riżorsi tas-sajd illum, u l-iżvilupp marittimu futur jista' jirriżulta f'fatturi ta' mortalità mhux mistennija li fuqhom għandu jkun hemm viġilanza;

It-Tlieta 12 ta' April 2016

- V. billi l-bijodiversità tal-baħar diġà ġarrbet tnaqqis sinifikanti; billi hemm rabta mill-qrib bejn il-preservazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd għall-ġenerazzjonijiet futuri u l-protezzjoni tal-bijodiversità tal-baħar u l-konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar;
- W. billi tekniki tas-sajd sostenibbli u selettivi huma għodda essenzjali għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u biex jiġu minimizzati l-qabdiet inċidentali, u b'hekk jgħinu biex tiġi kkonservata l-bijodiversità tal-baħar;
- X. billi l-koordinazzjoni u l-konsultazzjoni bejn l-atturi kollha kkonċernati fl-attività marittima huma essenzjali biex jiġu żgurati l-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika tal-baħar u l-użu sostenibbli tar-riżorsi;
- Y. billi r-reġjuni l-iktar imbiegħda tal-UE għandhom, min-natura proprja tagħhom, ċirkostanzi ġeografiċi u xi kultant ġeopolitiċi speċjali u huma inklużi f'mekkaniżmi ta' kooperazzjoni reġjonali speċifiċi;
- Z. billi s-sajd huwa attività importanti ħafna li sseħħ kemm f'żoni ta' ġurisdizzjoni nazzjonali u kemm f'dawk lil hinn minn din il-ġurisdizzjoni;
- AA. billi l-UE taqdi rwol ewlieni fil-governanza dinjija tal-ibħra u l-oċeani u teżerċita influwenza kbira ħafna fuq livell internazzjonali fir-rigward tas-sajd, anke minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fi 17-il organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs); billi din il-pożizzjoni fuq quddiem tfisser li l-UE hija responsabbli għall-adozzjoni ta' politika proattiva dwar il-ħarsien tal-bijodiversità tal-baħar madwar id-dinja;
- AB. billi l-UNFSA, li jstabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi ta' stati partijiet fir-rigward tal-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet ta' ħut transzjonali u stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna, huwa dokument komprensiv li jħares 'il quddiem u li ma għandux jinbidel, jiġi mminat jew imdghajef u li l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu għandha tiġi żgurata permezz ta' proċessi ta' kooperazzjoni msaħħa li għandhom jiġu adottati fl-istrument internazzjonali l-ġdid;
- AC. billi għandhom jinsiltu tagħlimiet għan-nuqqas ta' qbil reċenti tal-UE mal-Gżejjer Faeroe u l-Iżlanda, sabiex l-istokkijiet ikunu jistgħu jiġu ġestiti b'mod sostenibbli mad-dinja kollha;
- AD. billi kull pajjiż għandu d-dritt li jibbenefika mill-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tiegħu, kif jipprevedi l-UNCLOS;
- AE. billi nirrikonoxxu l-obbligu tal-istati li jipproteġu u jippreservaw l-ambjent tal-baħar, inkluż il-ħarsien ta' ekosistemi rari u fraġli u l-habitats ta' speċijiet vulnerabbli, imnaqsa, mhedda jew fil-periklu u forom oħra ta' ħajja tal-baħar;
- AF. billi l-UNFSA tipprovdi qafas għall-applikazzjoni tal-approċċ ta' prekawzjoni u approċċi bbażati fuq l-ekosistemi għall-ġestjoni tas-sajd, għal miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għall-istokkijiet ta' ħut transzjonali u għall-istokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna, għall-kooperazzjoni internazzjonali, permezz tal-ħidma reġjonali u subreġjonali tal-organizzazzjonijiet u l-arranġamenti reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs); billi l-implimentazzjoni effettiva tiegħu għandha tittejjeb;
- AG. billi r-riżoluzzjonijiet 61/105 u 64/72 tal-AĠNU jistiednu lill-istati u lill-RMFOs jadottaw firxa ta' miżuri biex jiżguraw il-konservazzjoni effettiva tar-riżorsi tal-baħar fond u biex jiġi evitat li s-sajd tal-qiegħ ikollu impatt negattiv sinifikanti fuq ekosistemi vulnerabbli tal-baħar (VMEs) fl-ABNJ;
- AH. billi nirrikonoxxu u nappoġġjaw id-drittijiet u r-rekwiżiti speċjali ta' stati li qed jiżviluppaw fil-kuntest tal-bini ta' kapaċitajiet sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tagħhom u ta' stokkijiet tal-ħut transzjonali u stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna;

It-Tlieta 12 ta' April 2016

- AI. billi l-azzjonijiet tal-hekk imsejjaħ "Proċess ta' Kobe" jirrikonoxxu l-isforzi li diġà saru minn dawk l-RFMOs li jimmaniġġjaw l-istokkijiet tat-tonn u li wettqu evalwazzjonijiet indipendenti tal-prestazzjoni, u jistieden lil dawk l-RFMOs iwettqu b'mod regolari evalwazzjonijiet bħal dawn u jagħmlu r-riżultati disponibbli pubblikament u jimplimentaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet magħmula minnhom; billi l-awtoritajiet tal-AĠNU u COFI stiednu wkoll lil RFMOs oħra biex jagħmlu l-istess u billi dawn l-evalwazzjonijiet twettqu;
- AJ. billi l-RFMOs huma stabbiliti f'posthom u xi wħud qed jaħdmu lejn l-istabbiliment ta' żoni tal-baħar protetti sabiex jikkonservaw u jerġgħu jsaħħu l-istokkijiet tal-ħut għal livell sostenibbli;
- AK. billi l-KDB iffaċilitat serje ta' workshops biex tiddekrivi l-EBSAs, inkluż fl-ABNJ, u r-riżultati ta' dawn il-workshops issa huma disponibbli fuq firxa wiesgħa għal skopijiet ta' konsultazzjoni dwar il-ġestjoni fuq il-website tal-KDB;
- AL. billi l-ħtieġa għall-ġbir u l-qsim ta' dejta xjentifika u l-għarfien hija tal-ogħla importanza sabiex jittieħdu deċiżjonijiet b'rieda tajba u abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli;
- AM. billi l-problema ambjentali tal-iskart tal-plastik fil-baħar toħloq theddida diretta għad-diversità marittima, u billi d-daqs u mezz biex tiġi miġġielda l-problema jibqgħu riċerkati b'mod inadegwat, u billi l-kapaċità li din tingħeleb tista' tirriżulta bħala opportunità ekonomika;
- AN. billi l-Grupp ta' Ħidma, fid-dokument tiegħu tat-23 ta' Jannar 2015 enfasisza l-ħtieġa li s-sistema globali komprensiva tindirizza aħjar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tad-diversità bijoloġika tal-baħar f'żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali;
- AO. billi l-UE b'mod attiv qed tiżviluppa u tħeġġeġ l-aħjar Prattiki sabiex tikseb użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut, u permezz ta' programmi bħal Orizzont 2020 tħeġġeġ u tiffinanzja l-ġbir ta' dejta, ir-riċerka u l-iżvilupp sostenibbli;
- AP. billi fit-23 ta' Jannar 2015 il-Grupp ta' Ħidma esprima appoġġ għal rakkomandazzjoni biex jiġi żviluppat strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni;
- AQ. billi fid-19 ta' Ġunju 2015 l-AĠNU adottat riżoluzzjoni dwar l-iżvilupp ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-UNCLOS dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar ta' żoni lil hinn minn ġurisdizzjoni nazzjonali;
1. Jilqa' d-deċiżjoni meħuda mill-AĠNU li jiġi żviluppat strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-UNCLOS dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar f'ABNJ sabiex, fost l-oħrajn, jiġu indirizzati n-nuqqasijiet attwali; jenfasizza li dan il-proċess ma jimminax strumenti u oqfsa rilevanti eżistenti u lanqas korpi settorjali, reġjonali u globali rilevanti (eż. RFMOs); jenfasizza l-importanza li jsir progress rapidu iżda b'attenzjoni fl-iżvilupp ta' dan l-istrument il-ġdid u biex jinkiseb l-għan li jiġi finalizzat l-abbozz tat-test sa tmiem l-2017;
2. Jenfasizza l-viżjoni, l-opportunità u l-konsegwenzi għal relazzjonijiet tajba bejn l-istati u għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi fil-qafas tal-UNCLOS, filwaqt li jiġi rrikonoxxut li l-perssonijiet u l-opportunitajiet ġodda jirrikjedu li jsiru aġġustamenti;

It-Tlieta 12 ta' April 2016

3. Jenfasizza l-importanza tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra u tar-riżorsi tagħhom; jistieden lill-UE u lill-komunità internazzjonali jippromwovu l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar billi jimplimentaw, fost miżuri oħra, kunċetti moderni u sostenibbli tal-ġestjoni tal-ekosistemi tal-baħar, il-prinċipji ta' governanza tal-oċeani, il-ġestjoni tal-isfruttament tar-riżorsi tal-baħar (kemm jekk ikun l-isfruttament ta' minerali jew it-tħaffir għall-enerġija, eċċ.) u s-sajd, billi jinkorporaw governanza tal-baħar b'bażi xjentifika, l-irkupru u ż-żamma tal-istokkijiet 'il fuq mil-livelli li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli, ġestjoni bbażata fuq l-ekosistemi u l-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar, l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti, u l-approċċ ta' prekawzzjoni;
4. Jinnota li sabiex jindirizzaw il-pessjoni fuq il-bijodiversità tal-baħar sal-2020, l-Istati Membri se jkollhom jieħdu passi biex jimplimentaw pjanijiet ta' ġestjoni, jimmonitorjaw l-applikazzjoni tar-regoli, japprofondixxu l-baży ta' għarfien tagħhom u jsaħħu n-netwerks ta' riċerka u l-koordinazzjoni ta' informazzjoni dwar il-bijodiversità tal-baħar;
5. Jirrikonoxxi u jappoġġa r-rwol pożittiv u ewlieni li kellhom l-UE u l-Kummissjoni, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-pożizzjoni tal-UE bħala l-ikbar attur tal-industrija u s-suq tas-sajd u l-fatt li l-politika Ewropea tas-sajd hija mmirata lejn is-sostenibilità;
6. Jirrikonoxxi r-rwol importanti li l-UE qed taqdi f'li tiżgura l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi haġjin tal-baħar, partikolarment fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat (IUU); jenfasizza li s-sajd IUU, min-natura tiegħu stess, huwa ta' theddida għall-bijodiversità tal-baħar u jimmina serjament il-preservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar; jirrimarka li l-UE għamlet il-ġlieda kontra s-sajd IUU prijorità u li l-kooperazzjoni internazzjonali hija essenzjali sabiex il-ġlieda jkollha suċċess; ihegġegħ lill-FAO u l-RFMOs isaħħu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-kooperazzjoni multilaterali;
7. Jenfasizza r-rwol pożittiv tat-tikkettar ambjentali fis-settur tal-prodotti tal-frott tal-baħar, li jippermetti lill-konsumaturi jikkontribwixxu għas-sostenibilità tar-riżorsi u l-preservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li jagħmlu għażla infurmata;
8. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli tippromwovi, tikkoordina u tiżgura li l-impatt tal-attivitajiet tal-bniedem, inkluż is-sajd u l-forom kollha ta' sfruttament ta' qiegħ il-baħar u l-oċeani, fuq il-bijodiversità f'ABNJ jiġi indirizzat b'mod effettiv fil-kuntest ta' dan il-ftehim internazzjonali l-ġdid; jinnota, għalhekk, il-bżonn li wieħed jippromwovi aktar l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti u biex jiġu żviluppatti għodod ta' ġestjoni meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza;
9. Ihegġegħ lill-RFMOs jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom, biex ikomplu jwettqu evalwazzjoni indipendenti regolari u biex jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa ta' dawn l-evalwazzjonijiet;
10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tappoġġja u tippromwovi approċċ olistiku u komprensiv fir-rigward taż-żoni protetti tal-baħar (MPAs) minħabba l-fatt li l-ebda koordinazzjoni u kooperazzjoni ġenwini tal-isforzi ta' konservazzjoni ma huma possibbli mingħajr il-parteċipazzjoni l-aktar wiesgħa possibbli ta' partijiet interessati involuti f'varjetà komprensiva ta' attivitajiet tal-baħar fl-oċeani u l-ibħra;
11. Jinkoraġġixxi u jhegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-għażla u l-implimentazzjoni ta' EBSA fl-ABNJ;
12. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex taħdem mal-partijiet interessati rilevanti kollha biex tkompli tappoġġja u tippromwovi, fil-kuntest tal-ftehim internazzjonali l-ġdid fil-qafas tal-UNCLOS, l-iżvilupp ta' mekkaniżmu istituzzjonali għall-għażla, il-ġestjoni u l-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet neċessarji għall-monitoraġġ u l-infurzar ta' netwerks konnessi, koerenti, fattibbli u rappreżentattivi ta' MPAs bħala għodda essenzjali biex tkun żgurata l-konnettività ekoloġika u bijoloġika;

It-Tlieta 12 ta' April 2016

13. Jistieden lill-Kummissjoni tipproċessa sett ta' dejta komprensiva dwar il-bijodiversità tal-baħar fl-ibħra reġjonali tal-Ewropa; huwa tal-fehma li hija sfida meħtieġa li tinġabar din id-dejta, minħabba l-fatt li 80 % tal-ispeċijiet u l-habitats koperti mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina huma kklassifikati bħala mhux magħrufa;
14. Jistieden lill-UE tassumi rwol fuq quddiem fil-ġlieda kontra l-iskart tal-plastik fil-baħar u biex riċerka rilevanti tiġi ffinanzjata taħt l-ekonomija blu;
15. Jenfasizza li dan il-ftehim internazzjonali ġdid għandu jiżgura kundizzjonijiet ugwali fost il-partijiet interessati kollha; iqis li l-ftehim internazzjonali l-ġdid għandu, barra minn hekk, jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-istati gżejjer żgħar, f'termini ta' bini ta' kapaċitajiet bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet tal-komunità internazzjonali rigward l-MPAs, fost affarijiet oħra;
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi aktar kooperazzjoni, koordinazzjoni, trasparenza u responsabilità bejn il-partijiet interessati kollha kkonċernati, inkluż bejn l-istrumenti l-ġodda nnegożjati, l-istrumenti eżistenti UNFSA u FAO, l-RFMOs u korpi settorjali oħra bħal, fost l-oħrajn, l-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali;
17. Jistieden lin-NU taħdem mal-istati biex jiġu implimentati b'mod aktar effettiv ir-regoli eżistenti, u fejn meħtieġ biex jinħolqu regoli addizzjonali li jistgħu indirettament jgħinu fil-protezzjoni tal-bijodiversità fl-ibħra miftuħa u jitjiebu l-kundizzjonijiet soċjali, ta' sikurezza u ta' monitoraġġ, bħal, pereżempju, l-istabiliment ta' għodod għall-ġestjoni globali, jiġifieri strument ċentralizzat għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti bħal Reġistru Globali tal-Bastimenti tas-Sajd li qed jiġi żviluppat taħt l-awtorità tal-FAO, iżda fl-istess ħin tiġi evitata żieda fil-piż burokratiku għas-sajjeda;
18. Jenfasizza li l-impatti tas-sajd fuq il-bijodiversità tal-baħar f'ABNJ ikollhom jiffurmaw parti mill-mandat tal-RFMOs;
19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw u jippromwovu, fi ħdan il-mandat tal-ftehim internazzjonali l-ġdid fil-qafas tal-UNCLOS, l-iżvilupp ta' mekkaniżmu istituzzjonali għall-implimentazzjoni ta' Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali minn qabel għal attivitajiet b'impatt sinifikanti potenzjali fuq l-ambjent tal-baħar, kif meħtieġ skont l-Artikolu 206 tal-UNCLOS, inkluż għall-isfruttament tar-riżorsi tal-baħar, b'bażi xjentifika solida sa fejn hu prattikabbli u li dawn l-attivitajiet ikunu akkumpanjati minn monitoraġġ ambjentali u soċjoekonomiku dettaljat;
20. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest ta' ftehim internazzjonali ġdid, sabiex tinsisti għar-rikonoxximent tal-ħsara ambjentali fuq il-baħar u l-identifikazzjoni tal-katina tar-responsabilità għal ħsara bħal din;
21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistieden lill-istati li għadhom ma rratifikawx jew ma aderewx għall-UNCLOS biex dan jagħmluh;
22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (AĠNU) u lill-kumitat preparatorju responsabbli biex jabbozza t-test tal-ftehim internazzjonali futur.